# LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI 2020

## INDIRIZZ TAL-UFFIĊJAL KAP EŻEKUTTIV
Rick Hunkin

Bank of Valletta

Għeżież Azzjonisti,

Ningħaqad maċ-Chairman biex nilqgħukom għal din is-Sitta u Erbgħin Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Grupp BOV.

Fid-dawl tal-Pandemija COVID-19 li għaddejja u fl-aħjar interess tas-saħħa u s-sigurtà ta' kulħadd, din il-LĠA qed tinżamm b'mod virtwali.

Il-Pandemija COVID-19 ħarbtet lil kulħadd u hija ħasra li ma stajniex niltaqgħu aktar kmieni din is-sena biex nippreżentawlkom ir-riżultati tal-Bank għas-Sena Finanzjarja 2019. Minħabba li għadda ftit taż-żmien mhux ħażin, se nitkellem biss fuq il-punti ewlenin tar-riżultati tal-Bank għall-2019 u wara se nkompi fuq l-istrateġija li bħalissa qed niffukaw fuqha. Ir-riżultati sħaħ u l-kummentarji huma disponibbli fir-Rapport Annwali u d-Dikjarazzjonijiet Finanzjarji tal-Bank li jinsabu fuq il-websajt tal-Bank.

## PUNTI EWLENIN TAL-PRESTAZZJONI TAL-BOV

Fl-2019 il-Grupp BOV irrapporta profitt qabel it-taxxa ta' €89.2m (€71.2m fl-2018). Il-Profitt attribwibbli lill-azzjonisti kien ta' €63.5m li jirriżulta fi qligħ għal kull sehem ta' 10.9 ċenteżmi, meta mqabbel ma' 8.8 ċenteżmi s-sena ta' qabel.

Meta nieħdu il-provvediment addizzjonali għall-obbligi ta' kontinġenza ta' €25m u spejjeż addizzjonali assoċjati mal-programm ta' trasformazzjoni tagħna ta' €23.9m, il-profitt sottostanti kien ta' €138.1m. Dan jirriżulta tnaqqis ta' 6% biss fuq is-sena ta' qabel, minkejja li rtirajna minn ċerti oqsma tan-negozju li nqisuhom li huma ta' riskju għoli, kif ukoll jirrifletti l-ekonomija lokali pożittiva li sostniet id-domanda għas-self matul dak il-perjodu.

Il-karta tal-bilanċ kompliet tikber matul l-2019, b'self gross lill-klijenti ta' 1.9% ogħla mill-2018 u jlaħħaq €4.7 biljun. Id-depożiti żdiedu wkoll bi 2.1% li rriflettew it-tkabbir mill-attività ekonomika lokali, u b'hekk ipattu għat-tnaqqis sostanzjali fid-depożiti li kellhom magħna klijenti internazzjonali.

Is-saħħa kapitali kienet evidenzjata minn titjib fil-proporzjon CET1 - fl-aħħar tas-sena dan kien ta' 19.5%, żieda ta' 120 punt bażi fuq is-sena li għaddiet.

Prestazzjoni qawwija fl-ekonomija lokali matul l-2019 irriżultat f'żieda fis-self u avvanzi netti b'€87 miljun, primarjament fil-portafoll tal-finanzjament tal-konsumatur, li jinkludi self għad-djar. Rajna wkoll tkabbir fil-qasam tal-SMEs, appoġġjat mid-diversi skemi ta' finanzjament għan-negozji ż-żgħar

## 2019 - SENA IMPORTANTI LEJN BANK AKTAR B'SAĦĦTU U SIGUR

### TNAQQIS TAL-ELEMENT TAR-RISKJU

Aħna komplejna bl-isforzi u l-investimenti tagħna biex innaqqsu l-element ta' riskju fil-portafoll tagħna permezz ta' Risk Appetite Framework ġdid. Żidna l-kontrolli u ssikkajna fil-politiki tagħna sabiex indirizzajna xi nuqqasijiet li kellna fil-passat fil-qasam tal-kontrolli. Dan kien jeħtieġ investiment ta' €23.9m matul l-2019 u aktar investiment matul l-2020 sabiex niżguraw li l-Bank ikun miexi mal-aħjar prattiċi internazzjonali.

### SISTEMA BANKARJA EWLENIJA

B'suċċess qlibna għal Sistema Bankarja Ewlenija ġdida li tissostitwixxi s-sistema ewlenija tal-IT tal-Bank li konna ilna nużaw għal aktar minn għoxrin sena. Il-Bank issa għandu pjattaforma tal-IT moderna li se nibqgħu nibnu fuqha biex noffru servizzi elettroniċi aħjar u prodotti u servizzi speċjalizzati lill-klijenti tagħna. Investejna wkoll biex nagħmlu s-sistemi tal-IT tagħna aktar siguri u reżiljenti.

## LIL HINN MILL-2019

### IL-BOV U L-PANDEMIJA COVID-19

Għalkemm il-perjodu taħt reviżjoni huwa s-sena finanzjarja 2019, huwa ċar li l-Pandemija COVID-19 se tħalli impatt fuq il-profittabilità tal-Bank għall-2020.

Mill-bidu tal-pandemija, il-Bank iffoka fuq is-saħħa u l-protezzjoni tal-impjegati tiegħu dwar id-diversi sfidi li ffaċċjaw. Waqqafna Incident Management Team multi-dixxiplinari li kien kontinwament qed jevalwa s-sitwazzjoni u jimplimenta miżuri biex nissalvagwardjaw l-ogħla livell ta' saħħa u sigurtà għall-klijenti kif ukoll għall-impjegati tagħna.

Matul dawn ix-xhur il-Bank of Valletta kien strumentali fl-appoġġ tal-komunità tan-negozju u ssieħeb mal-Bank Malti għall-Iżvilupp. Permezz tal-Iskema ta' Garanzija COVID-19, il-Bank sellef kważi €252 miljun b'rati ta' imgħax attraenti lil 371 klijent tan-negozju li qed jiffaċċjaw nuqqas ta' likwidità u finanzjament bankarju għall-ħtiġijiet ta' kapital tax-xogħol. Il-Bank ta wkoll moratorja fuq is-self lil kważi tlett elef klijent, li 73% minnhom kienu klijenti retail.

### POSPONIMENT FIL-ĦLAS TAD-DIVIDEND

Fid-dawl tax-xenarju attwali l-Bank qed isegwi direttivi tal-BĊE dwar id-distribuzzjoni tad-dividend u kif ġie mħabbar lejn l-aħħar ta' Ottubru, il-ħlasijiet tad-dividend qed jerġgħu jiġu posposti. Il-Bord tad-Diretturi ddeċieda li jirtira r-rakkomandazzjoni oriġinali tiegħu għall-Laqgħa Ġenerali Annwali biex japprova l-ħlas ta' dividend finali fir-rigward tas-Sena Finanzjarja 2019, u biex jivvaluta mill-ġdid is-sitwazzjoni matul l-ewwel kwart tas-Sena Finanzjarja 2021. Nifhem li din mhix aħbar milqugħa tajjeb mill-azzjonisti, imma nispera li tifhmu li din hija sitwazzjoni bla preċedent li lkoll qed niffaċċjaw.

### KAŻIJIET TA' LITIGAZZJONI

Għamilt sforzi kbar biex nagħlaq obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw minn kwistjonijiet legali tal-passat, li ilhom ikarkru għal bosta snin, u bi pjaċir ngħid li qed nagħmlu ħafna progress. Il-Każ tal-Property Fund ingħalaq fl-2019 favur il-Bank u dan l-aħħar għalaqna wkoll b'suċċess il-każ tal-iSwedish Pension Agency (SPA), bħala l-uniku investitur fil-Falcon Fund SICAV. Il-każ ingħalaq permezz ta' ħlas ta' €26.5 miljun, li huwa sinifikament inqas mit-telf allegat ta' 'l fuq minn €88 miljun li kienu qed jitolbu SPA. Dan ifisser li l-fondi li kienu miżmuma għall-kontinġenza ġew rilaxxati lura fil-profit and loss account tal-Bank biex b'hekk l-obbligazzjonijiet kontinġenti totali tnaqqsu b'mod sinifikanti.

Il-Bank jinsab attiv ħafna biex ifittex li jsolvi l-każ Deiulemar għalkemm ir-riżultat jiddependi ħafna fuq il-proċeduri legali.

### CORRESPONDENT BANK FID-DOLLARU AMERIKAN

Kif konna ħabbarna f'Ottubru li għadda, il-Bank of Valletta ġie avżat minn Raiffeisen Bank International li se jtemm ir-relazzjoni ta' korrispondenza tiegħu fid-Dollaru Amerikan mal-Bank b'effett mill-31 ta' Marzu 2021.

Il-Bank qiegħed f'diskussjonijiet ma' Raiffeisen Bank rigward ir-relazzjoni ta' Correspondent Banking li għaddejja bħalissa li tappoġġja l-pagamenti f'din il-munita bil-ħsieb li nissodisfaw kwalunkwe tħassib u nkomplu bir-relazzjoni eżistenti.

Fl-istess ħin qed nikkunsidraw b'mod attiv rotot alternattivi biex niddiversifikaw il-kanali disponibbli għal pagamenti fid-Dollaru Amerikan

## BOV 2023 - BANK B'SAĦĦTU GĦALL-ĠEJJIENI

Minbarra l-miżuri li għandhom x'jaqsmu mal-pandemija, il-Bank ilu wkoll jaħdem fuq qafas strateġiku ġdid li semmejnieh BOV 2023. Din l-istrateġija hija mfassla sabiex il-Bank of Valletta jsir bank aktar reżiljenti u aktar profittabbli: aħjar, aktar effiċjenti.
It-tliet pilastri tal-istrateġija l-ġdida huma:

1. Investiment fid-diġitalizzazzjoni tal-prodotti u s-servizzi - dan huwa l-qalba tal-istrateġija fejn se jissimplifika l-proċessi interni kif ukoll biex jagħmilha aktar faċli għall-klijenti biex jagħmlu t-tranżazzjonijiet magħna. Irridu naddattaw il-metodi tagħna biex nimxu mal-iżviluppi ta' kif in-nies jinteraġixxu mal-bank tagħhom illum.

2. Bilanċ mill-ġdid tal-karta tal-bilanċ tagħna - Ir-rati tal-imgħax fuq id-depożiti se jibqgħu baxxi fuq skala globali. Dan ifisser li l-klijenti tagħna mhux se jiksbu r-rata ta' redditu li kienu jittamaw għaliha u fl-istess ħin il-Bank se jġarrab spiża kbira meta jiddepożita dawn il-fondi ma' istituzzjonijiet barranin. Aħna ser nagħtu pariri lil settur tal-klijenti tagħna biex jiksbu bilanċ aħjar fil-portafolli tagħhom billi ngħinuhom jidentifikaw prodotti ta' investiment alternattivi li jagħtuhom qligħ aħjar mill-kontijiet tad-depożitu tagħhom. Dawn il-kunsiderazzjonijiet naturalment jiġu proposti fi ħdan il-profil tar-riskju tal-klijent.

3. Fl-aħħarnett, se ntejbu l-esperjenza tal-klijenti billi nirranġaw proċessi li huma twal u kumplessi mingħajr bżonn u naġġornaw sistemi li mhumiex jgħinu l-interazzjonijiet mal-klijenti.

Diġà bdejna nagħmlu ċertu bidliet u se jsiru aktar bidliet fix-xhur li ġejjin.

## KONKLUŻJONI

Dik kienet l-2019, meta l-ħajja kienet 'normali' u l-ambjent tan-negozju kien miexi 'l quddiem. Bdejna l-2020 b'determinazzjoni soda li niffinalizzaw il-programm ta' trasformazzjoni tar-riskju u li niddefinixxu strateġija li tħares 'il quddiem u twassal il-Bank of

Valletta f'pożizzjoni b'saħħitha għall-futur. Il-Covid-19 ġabet bosta sfidi, iżda ma waqqfitniex milli nfasslu pjan strateġiku ċar li jiżgura s-sostenibbiltà fit-tul tal-Bank.

Il-Bank u l-industrija tas-servizzi finanzjarji qed jiffaċċjaw sfidi kbar bl-implimentazzjoni ta' kontrolli aktar stretti fejn jidħlu Financial Crime u r-Riskju, aktar pressjoni miżjuda fuq il-marġini netti tal-imgħax ikkawżati minn rati ta' imgħax baxxi fuq livelli rekord u tfixkil tal-mudelli tradizzjonali tan-negozju hekk kif teknoloġija bankarja ġdida tidħol fis-seħħ.

Huwa ċar li l-inċertezza li ġabet magħha l-COVID-19 għamlet is-sitwazzjoni iktar ta' sfida għal kulħadd; madankollu se nkunu qed ninvestu bil-kbir fis-sistemi, il-proċessi u n-nies tagħna u se naħdmu bla waqfien biex naraw l-implimentazzjoni b'suċċess tal-Istrateġija BOV 2023.

Naqbel bis-sħiħ maċ-Chairman li s-sitwazzjoni preżenti madwar il-Coronavirus hija ta' tħassib sinifikanti u fil-BOV se nkomplu nagħmlu dak kollu li nistgħu biex niżguraw is-saħħa u l-protezzjoni tal-impjegati u l-klijenti tagħna kollha.

Nirringrazzja lill-bosta klijenti tagħna li għalihom il-Bank of Valletta huwa l-bank tal-għażla tagħhom, lill-azzjonisti tagħna għall-fiduċja u l-appoġġ kontinwu tagħhom, lill-awtoritajiet superviżorji li magħhom għandna relazzjoni ta' ħidma mill-qrib, lit-tim maniġerjali tiegħi u lill-impjegati kollha tagħna għall-impenn bla waqfien tagħhom lejn il-Bank of Valletta.

Peress li l-COVID-19 qed taffettwa s-setturi ekonomiċi lokali kollha, l-impatt fuq il-Grupp BOV huwa inevitabbli. Jien kburi li l-Bank of Valletta qiegħed iqum għall-okkażjoni billi jappoġġja n-negozji, lill-klijenti u l-komunità Maltija. Se noħorġu minn din is-sitwazzjoni flimkien u bħala l-bank ewlieni ta' Malta, aħna mpenjati li ngħinu lill-ekonomija Maltija tirkupra u tirnexxi mill-ġdid.

Rick Hunkin
**Uffiċjal Kap Eżekuttiv**
26 ta 'Novembru 2020

Maħruġ minn Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130
Il-Bank of Valletta p.l.c. hija kumpanija pubblika b'responsabbiltà limitata regolata mill-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji u liċenzjata biex toffri l-kummerċ bankarju u s-servizzi ta' investiment f'termini tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap. 371 tal-Liġijiet ta' Malta) u tal-Att dwar Servizzi ta' Investiment (Kap. 370 tal-Liġijiet ta' Malta).

BOV
Bank of Valletta